MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1345/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Peter Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat jhallas is-somma ta' Lm880.29,0 (tmien mija u tmenin lira maltin u disgha u ghoxrin centezmu rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 247713 liema servizz gie stallat fil-fond fl-avviz imsemmi u dana skond ma kif jidher mill-prospett anness mal-avviz Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, bl-ispejjes tal-ittra ufficjali u bl-imghaxjiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 12, 13 u 14 tal-atti kif ukoll il-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut fol 16 tal-istess atti.

Rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u 3.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammeta it-talbiet attrici, liema nota giet presentata illum stess “seduta stante”.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm880.29,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur